# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 10 ta' Ġunju, 2024.**

**Numru 3**

## Rikors numru 44/2017/1 PC

**Kenneth Paul Galea**

***v.***

***Harbour Management Limited (C-29326)***

1. Dan huwa appell tas-soċjetà konvenuta minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali illi laqgħet talba tal-attur biex tgħid illi ma jiswiex dak li għamlet il-konvenuta meta ħallet kuntratt għall-kiri lill-konvenut ta' spazju ta' rmiġġ u li għalhekk il-kuntratt għadu fis-seħħ. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. B'kitba tal-1 ta' Jannar 2017 il-partijiet ftiehmu illi s-soċjetà konvenuta tagħti lill-attur "*the right to berth the … vessel … at Mġarr (Gozo) Yachting Centre*" sal-31 ta' Diċembru 2017, u għal dan l-attur ħallas lill-konvenuta

elf, tmien mija u disgħin euro (€1,890). Fost il-kondizzjonijiet tal-ftehim kien hemm il-patt numru 14 li jgħid hekk:

> »14. Termination
>
> »14.1 If the owner [l-attur] is in material breach of any of the conditions of the berthing agreement, and remains so in default of a period of seven working days from receipt of notice in writing indicating the breach and requesting the same, the provisions of the berthing agreement will be *ipso jure* terminated, and the company will be authorized to terminate all supplies and services to the vessel and the owner.
>
> » Provided that if the nature of the breach is such that more than seven (7) working days are reasonably required for its cure, the owner shall not be deemed to be in breach if during the said period he commences such cure and diligently prosecutes it to completion.
>
> »14.2 Failure by the owner to vacate the berth upon termination of the berthing agreement in terms of rule 14.1 hereof will authorize the company to charge the ownerm by way of penalty due for each day or part thereof, berthing fees equivalent to five times the then current tariff, and to take all measures to ensure payment for all amounts due … … …«

3. Fit-18 ta’ April 2017 kien hemm episodju fejn l-attur inqeda b’xi katina proprjetà ta’ terzi u żamm din il-katina għandu. Billi dehrilha li dan kien bi ksur tal-kondizzjonijiet tal-ftehim, il-konvenuta b’ittra tal-21 ta’ April 2017 kitbet hekk lill-attur:

> » Immediate Termination of Berthing Agreement
>
> »Mr Galea,
>
> »I write to officially inform you that, following the theft of third party property from a neighbouring vessel berthed at Mgarr Marina Gozo, as recorded on CCTV and admitted by yourself, we have no choice but to terminate your berthing agreement with immediate effect.
>
> »On this basis you are requested to remove the above mentioned vessel … from the concession area of Mġarr Marina Gozo within seven (7) days from the date of this letter.
>
> »In addition to the above please be informed that we reserve all rights at law to protect the interest of Harbour Management Limited.
>
> »Furthermore a police report has been lodged at Mgarr Police Station.«

4. Wara li rċieva din l-ittra l-attur radd il-ħwejjeġ ta' terzi li kellu f'idejh u neħħa d-dgħajsa minn fejn kienet marbuta – fi kliemu "mingħajr aċċett-azzjoni tat-terminazzjoni … u dana purament sabiex jevita problemi ulterjuri" mal-konvenuta – iżda żamm iċ-ċavetta tal-kanċell li jagħti aċċess għall-*pontoon* fejn kien jorbot id-dgħajsa.

5. Billi deherlu iżda illi l-konvenuta għamlet ħażin li qieset il-ftehim bħala maħlul, l-attur bi protest ġudizzjarju tat-12 ta' Mejju 2017 għarraf lill-konvenuta illi jqis l-għemil tagħha bħala "abużiv u illegali", u mbagħad fis-6 ta' Ġunju 2017 fetaħ din il-kawża u talab illi l-qorti:

> »1. tiddikjara l-aġir tal-intimati … bħala wieħed illeċitu;
>
> »2. tiddikjara t-terminazzjoni indikata fl-ittra tal-intimati tal-21 ta' April 2017 … bħala waħda arbitrarja u mingħajr effett fil-liġi, għaliex mhix skond it-termini tal-kuntratt lokatizju; u
>
> »3. tiddikjara wkoll li l-lokazzjoni fuq imsemmija għada kurrenti bejn il-partijiet.
>
> »Bl-ispejjeż … … …«

6. Il-konvenuta ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

> »1. It-talbiet attriċi huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-attur *stante* ftehim kunsenswali ċar ta' novazzjoni fir-rigward tal-*berthing agreement* anteċedente-ment iffirmat mill-partijiet kontendenti, u b'daqstant ftehim ġdid li jipprovdi*, inter alia,* dwar terminazzjoni tal-istess *berthing agree-ment* u tneħħija min-naħa tal-attur tad-dgħajsa in kwistjoni mill-post tal-ormeġġjar anteċedentement riżervat għalih, tant hu hekk li huwa effettivament neħħa l-istess dgħajsa minn hemm;
>
> »2. Inoltri, … ma kien hemm ebda kunsens/liċenzja bil-miktub minn naħa tal-kumpanija eċċipjenti sabiex id-dgħajsa tal-attur … tista' tiġi ormeġġjata fl-*Imġarr Marina*.«

7. L-ewwel qorti ddeċidiet hekk:

> »1. tiddikjara l-aġir tas-soċjetà konvenuta bħala wieħed illeċitu;
>
> »2. tiddikjara t-terminazzjoni indikata fl-ittra tagħha tal-21 ta' April 2017 bħala waħda arbitrarja u mingħajr effett fil-liġi, għaliex mhix skont it-termini tal-kuntratt lokatizzju tas-16 ta' Jannar 2017; u

»3. tiddikjara wkoll li l-lokazzjoni msemmija għadha kurrenti bejn il-partijiet.

»Bl-ispejjeż … kontra s-soċjetà konvenuta«

8. Ir-raġunijiet li wasslu lill-ewwel qorti għal din id-deċiżjoni ġew imfissra hekk:

»Permezz ta' din il-kawża l-attur qed jikkontesta terminazzjoni allegatament arbitrarja ta' kuntratt ta' rmiġġ li huwa kellu fil-Marina tal-Imġarr, Għawdex, operata mis-soċjetà konvenuta. Is-soċjetà konvenuta tgħid li dan il-kuntratt ġie terminat permezz ta' novazzjoni li saret meta l-attur aċċetta li jneħħi d-dgħajsa tiegħu mill-post allokat għall-irmiġġ tagħha.

»Ġara illi fis-16 ta' Jannar 2017 il-kontendenti daħlu f'kuntratt ta' sena rinovabbli awtomatkament minn sena għal oħra, b'effett mill-1 ta' Jannar 2017, li bih l-attur kera spazju ta' rmiġġ għad-dgħajsa tiegħu fil-Marina operata mis-soċjetà konvenuta fix-Xatt tal-Imġarr, Għawdex. B'ittra datata l-21 ta' April 2017 is-soċjetà konvenuta infurmat lill-attur li kienet qed tittermina din il-lokazzjoni b'effett immedjat, in segwitu għal dak li rreferiet bħala serq ta' oġġetti proprjetà ta' terzi minn opra oħra tal-baħar rmiġġjata fl-istess Marina. Infurmatu wkoll li kien sar rapport dwar il-każ lill-Pulizija. F'inqas minn tmienja u erbgħin siegħa l-attur rritorna dawn l-oġġetti li huwa jinsisti li kien issellef biss u mhux seraq.

»L-attur, mingħjar ma jammetti ebda ħtija, jikkontendi li fi kwalunkwe każ l-istess kuntratt kien jikkonċedi l-fakoltà lil min ikun b'xi mod kiser xi kondizzjoni tal-kuntratt, li dan seta' jirrimedjah fi żmien sebat ijiem mill-akkadut, kif fil-fatt ġara meta l-oġġetti in kwistjoni ġew ritornati. Is-soċjetà konvenuta però tinsisti li l-kuntratt ma kienx għadu viġenti, u allura l-attur ma setax jibbenefika minn xi fakoltà konċessa permezz tiegħu, ġaladarba l-attur in segwitu għall-ittra li ntbagħtitlu qabad u minn jeddu neħħa d-dgħajsa tiegħu mill-irmiġġ allokat għalih. It-teżi tagħha hija li dan il-fatt waħdu jikkostitwixxi novazzjoni li permezz tagħha l-partijiet ftehmu li jiġi terminat dan il-kuntratt.

»Fil-liġi tagħna n-novazzjoni hija regolata bl-artikoli 1179 – 1189 tal-Kodiċi Ċivili. L-artikolu 1179 jistipula li hemm novazzjoni:

»"(*a*) meta d-debitur jagħmel mal-kreditur tiegħu dejn ġdid, u dan jiġi mqiegħed flok il-qadim, illi jispiċċa;

»"(*b*) meta d-debitur ġdid jiġi mqiegħed flok il-qadim, illi jiġi meħlus mill-kreditur;

»"(*ċ*) meta bis-saħħa ta' obbligazzjoni ġdida, kreditur ġdid jiġi mqiegħed flok il-qadim, li lejh id-debitur jiġi meħlus.

»L-artikolu 1189(2) imbagħad jispjega li n-novazzjoni mhix preżunta; l-intenzjoni li ssir għandha tidher biċ-ċar.

»L-awtur ċitat mis-soċjetà konvenuta stess fin-nota tal-osservazzjonijiet tagħha jgħallem li:

»"La novazione non in altro consiste se non nella sostituzione di una nuova obbligazione ad altra precedente, che, col sorgere di questa, rimane estinta. Tre elementi pertanto sono indispensabili

> a costituire novazione, vale a dire: un' obbligazione precedente, un'obbligazione nuova, e la volontà delle parti di sostituire questa seconda obbligazione alla prima … L'esistenza di una precedente obbligazione e di una nuova non costituiscono novazione, se manchi la volontà delle parti di sostituire questa a quella. Tale volontà … non si presume, ma deve chiaramente risultare dall'atto. Perché la novazione non si presume? Perché ogni novazione contiene implicita una rinuncia alla precedente obbligazione e le rinuncie non si presumono mai; come la rinuncia deve essere chiaramente dimostrata, così del pari la volontà delle parti di effetuare la novazione deve chiramente risultare dall'atto, nè può stabilirsi per via di presunzione. Ciò però non vuol dire che le parti debbono esplicitamente dichairare nell'atto la loro volontà di effetuare la novazione … imperocché la volontà di novare può chiaramente risultare, quantunque non esplicita, ma contenuta implicatamente e necessariamente nelle convenzioni intervenute tra le parti e nelle relative circostanze di fatti."[1]

»Fil-ġurisprudenza lokali ngħid f'dan ir-rigward li:

> »"In-novazzjoni hi *di stretto diritto*, ma tistax tiġi preżunta, imma trid tirriżulta kjarament; madankollu l-liġi ma teħtiegx xi kliem solenni sabiex din isseħħ, basta li l-volontà li sseħħ in-novazzjoni tkun tirriżulta mill-fatt jew mill-kliem tal-partijiet. In-novazzjoni ma hi qatt preżunta, u fid-dubbju għandha tkun eskluża. L-*animus novandi*, jekk ma jkunx espress, irid jirriżulta b'mod ċar u uni-voku."[2]

»Issa fil-każ in eżami ma jirriżuta li kien hemm ebda ftehim bil-miktub li permezz tiegħu ġiet terminatla din il-kirja. Lanqas ma ġie ppruvat li tal-inqas kien hemm xi ftehim verbali f'dan is-sens. Is-soċjetà konvenuta qiegħda biss tinterpreta l-aġir tal-attur meta neħħa d-dgħajsa tiegħu mill-irmiġġ allokat lilha in segwitu għall-ittra li ntbgħatet lilu bħala aċċettazzjoni impliċita tiegħu li l-kuntratt jiġi terminat. Apparti l-fatt li huwa dubbjuż kemm dan l-aġir unilaterali tal-attur jista' jiġi interpretat bħala ftehim ta' novazzjoni fis-sens imfisser mil-liġi ta' relazzjoni bejn debitur li għandu jagħti u kreditur li għandu jircċevi, l-attur jinsisti li huwa neħħa d-dgħajsa biex jevita l-komplikazzjonijiet. Dan fid-dawl ukoll li kien sar rapport lill-pulizija u kienu sejrin anke jittieħdu proċeduri kriminali fil-konfront tiegħu. Terġa' l-fatt mhux kontestat li l-attur żamm fil-pussess tiegħu ċ-ċavetta tal-*gate* tal-*pontoon* li miegħu kien jorbot id-dgħajsa tiegħu, u li ma ntqal xejn dwar xi rifużjoni tal-parti mill-kera ta' sena mħallsa bil-quddiem mill-attur u li setgħet kienet dovuta lilu, *in vista* tal-allegata terminazzjoni qabel il-waqt, ikomplu jimmilitaw kontra t-teżi li hawnhekk seħħet xi novazzjoni bħalma qed tippretendi s-soċjetà konvenuta.

»F'dawn iċ-cirkostanzi, u fid-dawl tad-dottrina u ġurisprudenza ċċitata, jeżisti għalhekk dubbju kemm tassew seħħet in-novazzjoni pretiża mis-soċjetà konvenuta bis-sempliċi fatt tat-tneħħija tad-dgħajsa tal-attur mill-irmiġġ tagħha.

---

1 »Ricci: *Corso Teorico-Pratico di Diritto Civile*; ed. 1886, vol. VI para. 285, 287, pag. 376 - 378«

2 »Prim' Awla; V. Buhagiar *noe v* Dr N. Arrigo *et noe*, 9.10.2003; ara wkoll Appell: *HSBC Bank (Malta) plc v. Pirella Supermarkets Ltd*, 29.04.2016.«

»Għaldaqstant tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tiċħad l-eċċċzzjoni tas-soċjetà konvenuta, tilqa' t-talbiet attrici … … …«

9. Il-konvenuta appellat b'rikors tat-30 ta' April 2019 li l-attur wieġeb għalih fit-30 ta' Mejju 2019.

10. Il-konvenuta fissret hekk l-aggravju tal-appell:

»L-ewwel qorti naqset milli testrapola, mill-fatti tal-każ, is-sitwazzjoni ċara ta' novazzjoni impliċita bejn il-partijiet kontendenti, jew aħjar, kif jgħallem ir-Ricci, dik il "*volontà di novare …, guantunque non esplicita, ma contenuta implicitamente e necessariamente nelle convenzioni intervenute tra le parti e nelle relative circostanze di fatto*" (*Corso Teorico-Pratico di Diritto Civile*, *Volume 6, 1886 par. 287 a pag, 378*). Fi kliem iehor, *una volta* li l-appellat neħħa d-dgħajsa mill-post tal-ormeġġ in segwitu għall-interpellazzjoni li saritlu mill-appellanta bl-ittra tal-21.04.2017 f'ċirkustanzi fejn ma ġewx segwiti d-dettami tal-klawzola 14.1 tal-kuntratt tas-16.01.2017 li kienu jeħtieġu li hija tak-kordalu sebat ijiem ta' xogħol mid-data tal-interpellazzjoni sabiex jir-rimedja għall-inadempjenza tiegħu, isegwi allura li, *sua sponte,* l-appellat għażel it-triq ġdida li jaċċetta mingbajr rizervi t-terminazzjoni tal-istess kuntratt kif imfissra lilu (*"we have no choice but to terminate your berthing agreement with immediate effect*"), u dan permezz ta' sostituzzioni tal-istess *berthing agreement* ma' ftehim gdid ta' termin-azzioni, li l-oġġett tiegħu kien merament "*to remove the above mentioned vessel … from the concession area of Mgarr Marina Gozo within seven (7) days from the date of issue of this letter*".

»Dan ikkostitwixxa effettivament novazzjoni għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi, *stante* li jeżistu dawk it-"*tre elementi … indispensabili a ċostituire una novazione*" indikati abilment mill-istess awtur Ricci (a par. 285, paġ, 376, *op. ċit.),* u ċjoè, "*un'obbligazione preċedente, un'obbligazione nuova, e la volontà delle parti di sostituire questa seċonda alla prima*".

»Dan allura jrendi kwalunkwe kunsiderazzjoni ulterjuri kompletament irrilevanti.

»Meta, fit-18.04.2017, seħħ l-inċident li ta lok għall-ħrug tal-ittra tal-21.04.2017, il-kumpannija appellanta kellha fil-fatt ix-xelta li ddur fuq il-kuntratt u tadopera l-proċedura indikata fil-klawżola 14.1 tal-kuntratt tas-16.01.2017, ċjoè dak li:

> »"if the owner is in material breach of any of the conditions of the berthing agreement, and remains so in default of a period of seven working days from receipt of notice in writing indicating the breach and requesting the same, the provisions of the berthing agreement will be *ipso jure* terminated, and the company will be authorized to terminate all supplies and services to the vessel and the owner."

»*Ciò nonostante*, għal raġunijiet ta' bwon ordni fil-ġestjoni tal-*Mġarr Marina* ta' Għawdex (frankament għal kollox raġjonevoli fiċ-ċirkustanzi – ara *affidavit* tax-xhud Nino Marini li kkonfenna li l-appellat, b'mod

pjuttost sfaċċat, approprja ruhu b'*lifting chains* appartenenti lill-bastiment … mingħajr il-previja kunsens tagħha jew tas-sid tal-istess bastiment …), l-appellanta ħasset li l-inadempjenza min-naħa tal-appellat kienet tant gravi li hi ma kellhiex triq oħra għajr dik li tfittex tittermina r-relazzjoni viġenti mal-appellat.

»Din il-ħaġa però kienet tirrekjedi mekkaniżmu li jeżorbita lil hinn mill-parametri kuntrattwali eżistenti dak iż-żmien mal-appellat, u b'daqstant kwalunkwe terminazzjoni tal-*berthing agreement* mingħajr possibbilità ta' kura tal-inadempjenza fi żmien sebat ijiem ta' xogħol kien jirrekjedi l-kunsens bilaterali tal-partijiet.

»F'dan il-kuntest, minn perspettiva legali l-appellanta stiednet lill-appellat sabiex jikkunsidra l-*berthing agreement* b]ala mitmum u jneħħi d-dgħajsa fi żmien sebat ijiem kalendarji. Min-naħa tiegħu, bl-aġir volontarju tiegħu konsistenti fit-tneħħija tal-istess dgħajsa wara li qara u fehem il-kontenut tal-komunikazzjoni tal-21.04.2017, l-appellat aċċetta – mingħair riżervi – tali terminazzjoni u b'mod evidenti aċċetta li ma jdurx fuq il-kuntratt tas-16.01.2017: fi kliemu stess waqt kontro-ezami li saritlu fil-15.01.2019 "għedt ahjar inneħħiha minn hemm milli din il-biċċa xogħol *goes further*", li jfisser li, f'dak ilmument, l-appellat ried jagħlaq mal-appellanta u mhux ikompli magħha.

»… … … allura, kull kunsiderazzjoni oħra hija għal kollox irrilevanti għaliex proprju tkun qiegħdha *going further* minn dak li kien ġie miftiehem in linja ta' novazzjoni.

»L-argomentazzjoni legali sussegwentement mressqa mill-appellat kienet riżultat ta' analizi *ex post facto* mill-avukat difensur tiegħu, li l-istess appellat ammetta li ltaqa' miegħu biss wara li neħħa d-dgħajsa mill-irmiġġ in kwistjoni … … …

»Min-naħa l-oħra, fis-sentenza tagħha l-ewwel qorti għażlet erronjament hi stess li tmur *oltre* minn dak li kien ġie miftiehem in linja ta' novazzjoni, billi fittxet:

»(1) tara jekk kienx hemm xi ftehim bil-miktub ("Issa fil-każ in eżami ma jirriżulta li kien hemm ebda ftehim bil-miktub li permezz tagħha ġiet terminata din il-kirja", u dan meta, kif qalet il-Qorti tal-Appell (Superjuri) fil-kawza fl-ismijiet *<u>HSBC Bank (Malta) plc v. Pirella Supermarkets Limited</u>* (29.04.2016, rikors numru 829/11) "l-intenzjoni li ssir novazzjoni għandha tirriżulta biċ-ċar għalkemm ma hemmx bżonn li jintużaw kliem jew formoli speċjali … ara Kollez. Vol. XXX.I.943)".

»(2) tara jekk "tal-inqas kien hemm xi ftehim verbali f'dan is-sens" – u dan fejn, hekk kif ċitat mis-sentenza surreferita, ma hemm bżonn ta' ebda "kliem jew formoli speċjali" meta l-intenzjoni li ssir novazzioni għandha tirriżulta biċ-ċar – ara wkoll, f'dan is-sens, <u>Franco Busuttil *noe v.* Anthony Mallia</u> (K. 25 ta' Marzu 1993) ċitata fl-istess sentenza, b'referenza għall-artikolu 1180(2) tal-Kodiċi Civili, Kap 16.

»(3) issostni li l-aġir tal-appellat kien wiehed "unilaterali" u mhux konsegwenza diretta ta' dak indikat liiu fil-komunikazzjoni tal-appellanta u kwindi proprju dik l-"aċċettazzjoni impliċita tiegħu li l-kuntratt jigi terminat" li qed tirreferi għaliha … filwaqt li tgħid ukoll li huwa għamel hekk "biex jevita l-komplikazzjonijiet" mingħajr ma jiġi apprezzat li fil-fatt tali aġir, volontarju u mingħajr

riżervi, kellu implikazzjoni legali ta' novazzjoni u, semmaj, li kieku flappellat kellu xi dubbji kien messu ottjena parir legali wara li rċieva l-komunikazzjoni iżda qabel ma neħħa d-dgħajsa. Kif fissret il-Qorti tal-Appell (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet *HSBC Bank (Malta) plc v. Pirella Supermarkets Limited* (29.04.2016, rikors numru 829/11], "fuq din il-materja r-Ricci jispjega illi '*la volontà di novare può chiarameme risultare, quantunque non espliclta*, *ma contenuta implicitamente e necessariamente nelle convenzioni intervenute tra le parti e nelle relative circostanze di fatto*'". (*op. ċit*.).

»(4) issostni li ċirkustanzi ta' żamma taċ-ċwievet tal-*gate* tal-*pontoon* li miegħu l-appellat kien jorbot id-dgħajsa tiegħu kif ukoll li "ma ntqal xejn dwar xi rifuzjuni ta' parti mill-kera ta' sena mħallsa bil-quddiem mill-attur u li setgħet kienet dovuta lilu, *in vista* tal-allegata terminazzjoni qabel il-waqt" bħala fatturi li "jkomplu jimmilitaw kontra t-teżi li hawnhekk seħħet xi novazzjoni bħal ma qed tippretendi s-soċjetà konvenuta, u dan meta tali kunsider-azzjonijiet huma għal kollox superfluwi ġaladarba ġà jirriżulta ampjament dik il-"*volontà* di novare … *contenuta implicitamente e necessariamente nelle convenzioni intervenute tra le parti e nelle relative circostanze di fatto*" (l-ittra 21.04.2017 tal-appellanta bil-kontenut ġà deskritt, segwit mit-tneħħija volontarja tad-dgħajsa min-naha tal-appellat, mingħajr ebda riżervi).

»Minn dan kollu, minkejja li l-ewwel qorti għamlet riferenza għall-istess sentenzi ċitati mill-esponenti fin-nota ta' sottomissjonijiet preżentata quddiemha, hija waslet għall-konklużjoni kompletament erroneja meta qalet li "jeżisti għalhekk dubbju kemm tassew seħħet in-novazzjoni pretiża mis-soċjetà konvenuta bis-sempliċi fatt tat-tneħħija tad-dgħajsa tal-attur mill-irmiġġ tagħha".

»Huwa minnu li n-novazzjoni, li di natura tagħha tinkorpora rinunzja ta' jeddijiet, qatt ma tista' tiġi prezunta; però huwa anke veru li novazzjoni ppruvata, tista' tkun "taċita, *per facta concludentia*" (ara wkoll Anthony Galea *v.* Mario Hallett *et,* deċiza mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Gunju 2001), ħaġa din li fuq il-bażi tal-fatti ta' dan il-każ huwa proprju dak li jirrispekkja l-akkadut.

»L-ewwel qorti qisha riedet tfittex *onus probandi* fuq livell ta' *beyond reasonable doubt* meta, fil-kamp ċivili, dan l-oneru huwa wiehed ta' *balance of probabilities* u meta wkoll, f'każijiet bħal dan fejn in-novazzjoni hija impliċita u mhux espressa mill-partijiet, il-ġudikant għandu joqgħod speċjalment attent li jara jekk kienx hemm *un'obbligazione precedente, un'obbligazione nuova,* u *la volontà delle parti di sostituire questa seconda obhligazione alla prima* (Ricci, *Corso Teorico-Pratiċo di Diritto Civile*, *Vol. VI ediz. 1886 para. 285, 287 pag. 376-378),* u jieqaf hemm.

»F'dan il-każ, kien hemm:

»(a) il-kuntratt tas-16.01.2017;

»(b) l-ittra tal-21.04.2017 fejn hemm suġġeriment legali ta' termin-azzjoni tal-obbligi preċedenti abbinata ma' tneħħija tad-dgħajsa min-naħa tal-appellat; u

»(ċ) l-agir volontarju u mingħajr riżervi, taż-żewġ partijiet.

»Xejn inqas u xejn aktar, bil-konsegwenzi li:

»fl-ewwel lok, l-aġir tal-kumpannija appellanta kien wieħed għal kollox leċitu;

»fit-tieni lok, it-terminazzjoni tal-kuntratt lokatizju kienet waħda kunsenswali u bilaterali, u bl-ebda mod ma jista' jingħad li din seħħet b'mod arbitrarju jew unilaterali; u

»fit-tielet lok, isegwi li l-lokazzjoni *de quo* kienet intemmet.«

11. L-attur wieġeb hekk:

»… … … [L-ewwel qorti] qalet ċar u tond li f' dawn iċ-ċirkostanzi u fid-dawl tad-dottrina u ġurisprudenza ċitata, hernm dubbju kemm tassew seħħet in-novazzjoni bis-sempliċi fatt ta' tneħħija tad-dgħajsa tal-attur mill-irmiġġ tagħha. L-attur spjega għaliex neħħa d-dgħajsa u *cioè* biex jevita kumplikazzjonijiet mal-kumpannija konvenuta u dana jidher aktar verosimili meta wieħed iqis it-*track record* tal-kumpannija konvenuta li … bagħtet impjegati tagħha fid-dgħajsa tal-attur, għamlu tfittxija u qallbu l-kompartamenti tad-dgħajsa u ttieħdu xi affarijiet. Huwa ovvju li interpretazzjoni sensibbli f'ċirkostanzi bħal dawn ma jippuntawx lejn konklużjoni li l-attur kien qiegħed jaċċetta t-tenninazzjoni tal-lokazzjoni imma proprju biex jevita li l-kumpannija attriċi tkompli tieħu l-liġi b'idejha u issa minflok affarijiet mid-dgħajsa tieħu d-dgħajsa stess. U mbagħad ħall xagħrek u ġib iż-żejt biex id-dgħajsa tintradd lura.

»Imbagħad jekk wieħed jinterpreta l-azzjoni tal-attur fl-agħar ipotesi għall-attur wieħed ma jasalx għal konklużjoni li saret xi novazzjoni iżda *se mai* aċċettazzjoni tat-terminazzjoni u mhux novazzjoni. Din in-novazzjoni mnejn ġabuha? Biex ikun hemm novazzjoni trid tinħoloq obbligazzjoni ġdida. Fejn hi l-obbligazzjoni ġdida f'dan il-każ? Għax sabiħa din, l-eċċezzjoni hija dwar in-novazzjoni u fl-istess nifs qegħdin jissottomettu li "*sua sponte* l-appellat għażel it-triq ġdida li jaċċetta mingħajr riservi t-terminazzjoni tal-istess kuntratt kif imfissra lilu". *Se mai* wieħed jitkellem dwar terminazzjoni ta' kuntratt viġenti u mhux ir-raġunar pervers tal-konvenuti appellanti "sostituzzjoni tal-istess *berthing agreement* ma' ftehim ġdid ta' terminazzjoni …" (*sic*). Mingħajr ma wieħed joqgħod jaħli ż-żmien jirrispondi dak li qalu l-appellanti dwar in-novazzjoni l-esponenti jagħmel riferenza għall-motivazzjoni tas-sentenza appellata li hija motivazzjoni ġusta u mistħoqqa f'dan ir-rigward.

»Huwa ovvju wkoll li s-soċjetà appellata [*recte*, appellanti] ma qratx jew ma fehemitx il-kuntratt tal-lokazzjoni ffirmat minnha stess. Il-klawsola 14.1 tal-kuntratt tas-16 ta' Jannar 2017 titkellem dwar "*material breach of any of the conditions of the berthing agreement*". Kif huwa l-*breach* tal-kundizzjoni tal-*berthing agreement* fl-inċidenti tat-18 ta' April 2017? Hawnhekk *si tratta* minn allegazzjoni ta' serq, u *cioè* reat kriminali li m'għandu x'jaqsam xejn ma kundizzjonijiet ta' *berthing agreement*. Il-wieħed huwa att kriminali u l-ieħor huwa ftehim kif wieħed għandu juża l-*berthing facilities*. Ma ntwera mkien li l-allegazzjoni ta' serq hija b'xi mod konnessa ma' xi waħda millkundizzjonijiet tal-*berthing agreement*, u sakemm hija pura allegazzjoni ma tagħti ebda dritt lill-kumpabnija appellata [*recte*, appellanti] sabiex unilateralment tittermina l-ftehim jew xi ħadd jassumi kif jidhru li qed jassumu l-kumpannija konvenuta li l-ftehim *ipso iure* ġie terminat. U

ankorkè kien hemm xi konnessjoni bejn l-allegat serq u l-kundizzjonijiet tal-*berthing agreement* wieħed ma joqgħodx biss fuq sempliċi allegazzjoni iżda jistenna l-eżitu tal-proċeduri istitwiti fuq insistenza tal-kumpannija konvenuta. Infatti fuq kwerela / rapport magħmul mill-kumpannija konvenuta ttieħdu passi kriminali kontra l-attur appellat u l-attur ġie liberat minn kull akkuża miġjuba kontra tiegħu. Allura fuqiex trid tibbaża t-terminazzjoni tal-kirja l-kumpanija attriċi? Fuq sempliċi allegazzjoni bla bażi? U allura jsegwi li l-kumpannija attriċi ma kellha ebda raġuni legali li tibgħat l-ittra tagħha tal-21 ta' Apirl 2017, wisq inqas tinvadi d-dgħajsa tal-attur u tibgħat lii min ifittex u wisq inqas wieħed jista' jinterpreta l-azzjonijiet sussegwenti tal-attur bħala aċċettazzjoni tat-terminazzjoni tal-kirja jew, kif qegħdin jgħidu l-konvenuti, novazzjoni (*sic*) u ħolqien ta' xi obbligazzjoni ġdida.

»L-allegazzjoni dwar l-applikazzjoni tal-*lifting chains* u kull allegazzjoni dwar kull fatt li l-kumpannija konvenuta tgħid li nduċewha tassumi li kellha xi dritt jew xi raġuni tittermina l-kirja huma kollha bla bażi, għaliex x'ħin ġejna għal mument tal-verità rriżulta li dan kollu kien bla ebda bażi u li l-attur ġie liberat minn kull akkuża miġjuba kontra tiegħu.

»Espressjoni fariżajka oħra li jużaw il-konvenuti fir-rikors tal-appell tagħhom hu li l-kumpannija appellanti "stiednet" lill-appellat biex jikkonsidra l-*berthing agreement* mitmum. Il-kumpannija appellanti ma "stiednet" xejn. Il-kumpannija appellanti dehrilha li setgħet tieħu l-liġi b'idejha, tibgħat lil min ifittex u jqalleb fid-dgħajsa tal-attur u unilateralment tiddeċiedi li kien hemm ksur tal-*berthing agreement* u li l-istess *berthing agreement* ġie terminat *ipso iure* u li għalhekk setgħet unilateraiment tibgħat il-famuża ittra tal-21 ta' April 2017.

»Huwa ovvju li s-soċjetà appellanti qiegħda tħallat u tikkonfondi l-kunċetti legali. Biex ikun hemm novazzjoni huwa bżonn li jkun hemm ħolqien ta' obbligazzjoni ġdida. Imma x'inhi din l-obbligazzjoni l-ġdida li suppost inħolqot meta l-attur neħħa d-dgħajsa, Skond huma l-obbligazzjoni l-ġdida li nħolqot kienet it-terminazzjoni tal-*berthing agreement*. Mela terminazzjoni ta' obbligazzjoni eżistenti tista' qatt tikkwalifika bħala ħolqien ta' obbligazzjoni ġdida? Allura għaliex dan il-ħafna argumentar dwar in-novazzjoni, x'jikkostitwixxi novazzjoni u jekk kienx hemm novazzjoni? Huwa ovvju li s-soċjetà konvenuta qiegħda, kif jingħad bl-ingliż "*not seeing the wood for the trees*".

»Fl-aħħarnett għandu jingħad li l-ewwel qorti kienet indulġenti ħafna meta mmotivat sew is-sentenza tagħha biex turi li ma kienx hemm novazzjoni kif qed jippretendu u komplew isostnu l-appellati [*recte*, appellanti] meta kien ikun biżżejjed u kienet tkun motivazzjoni biżżejjed għad-deċiżjoni tagħha meta ċaħdet l-eċċezzjoni tan-novazzjoni billi tgħid sempliċement li t-tneħħija tad-dgħajsa *se mai* ma tammontax għal aċċettazzjoni da parti tal-attur għat-terminazzjoni tal-kirja u wisq inqas tali azzjoni ma tista' tiġi interpreta bħala xi forma ta' novazzjoni.«

12. L-oneru fuq l-attur huwa li juri li bejn il-partijiet hemm ftehim – prova li għamilha bil-produzzjoni tal-kuntratt – u jaqa' mbagħad fuq il-konvenuta l-oneru li turi li dak il-ftehim ma għadux fis-seħħ.

13. L-eċċezzjoni ta' novazzjoni – illi l-obbligazzjoni li toħroġ mill-ftehim intemmet bil-ħolqien ta' oħra ġdida flokha li toħroġ minn ftehim "dwar terminazzjoni" – hija biss mod xejn eleganti kif tgħid illi l-kuntratt li kien hemm bejn il-partijiet inħall bi ftehim. Huwa wisq ovvju mill-fatti ta' dan il-każ illi dan ma huwiex każ ta' novazzjoni li ttemm obbligazzjoni billi toħloq oħra flokha, iżda *se mai* ħall ta' ftehim bil-kunsens taż-żewġ partijiet, kif effettivament tammetti l-konvenuta fl-aħħar paragrafi tar-rikors tal-appell. Igħid sew l-attur: "din in-novazzjoni mnejn ġabuha?"

14. Il-kwistjoni mela hi: kien hemm jew ma kienx hemm kunsens tal-partijiet li l-kuntratt ta' bejniethom jinħall?

15. Igħid ħażin l-attur illi l-konvenuta qiegħda tgħid illi l-kuntratt intemm *ipso iure* jew illi ntemm "fuq sempliċi allegazzjoni bla bażi"; il-konvenuta qiegħda tgħid illi l-kuntratt intemm bi ftehim, bl-aċċettazzjoni tal-attur ta' dak li wriet li riedet fl-ittra fil-21 ta' April 2017.

16. Fil-fatt fl-ittra tal-21 ta' April 2017 il-konvenuta qalet illi "*we … terminate your berthing agreement with immediate effect*" u "*on this basis you are requested to remove the … vessel*", waqt illi l-konvenut obda s-sejħa "*to remove the … vessel*". Mad-daqqa t'għajn, mela, jidher illi l-attur wettaq il-konsegwenza tal-ħall tal-kuntratt – li jneħħi d-dgħajsa – u għalhekk qabel illi l-ftehim intemm.

17. L-attur iżda jgħid illi għamel dak li riedet il-konvenuta mhux għax qabel magħha li jinħall il-kuntratt iżda "purament sabiex jevita problemi ulterjuri" mal-konvenuta. Verament, ladarba l-problemi mal-konvenuta nqalgħu għax l-attur inqeda bi ħwejjeġ ta' terzi li kienu fuq dgħajsa oħra fl-istess

*marina* u żammhom għandu, kont tistenna illi jevita "problemi ulterjuri" billi minnufih irodd dawk il-ħwejjeġ li, kif igħid hu, "isellifhom" u, kif tgħid il-konvenuta, "seraqhom", u ma kellux għalfejn ineħħi d-dgħajsa wkoll. Fil-fatt l-ħwejjeġ mislufa jew misruqa raddhom iżda wkoll neħħa d-dgħajsa.

18. L-attur iżda fit-tweġiba tiegħu għall-appell igħid ukoll illi l-konvenuta bagħtet nies fid-dgħajsa tiegħu u dawn qallbu fiha u ħadu xi ħwejjeġ tiegħu minnha. Għalhekk igħid illi d-dgħajsa neħħieha "biex jevita li l-kumpannija attriċi tkompli tieħu l-liġi b'idejha u issa minflok affarijiet mid-dgħajsa tieħu d-dgħajsa stess. U mbagħad ħoll xagħrek u ġib iż-żejt biex id-dgħajsa tintradd lura".

19. Billi jekk jitqies illi aċċetta li jinħall il-kuntratt, l-attur ikun qiegħed effettivament jirrinunzja għad-drittijiet li kien jagħtih il-kuntratt (u li kien ġà ħallas għalihom), ir-rinunzja trid tirriżulta mingħajr dubju, b'mod illi l-għemil tal-attur ma jistex jiftehem mod ieħor ħlief bħala rinunzja tad-drittijiet.

20. Tassew illi dan il-biża' tal-attur li l-konvenuta teħodlu d-dgħajsa kien joħloq dubju dwar x'kienet tassew l-intenzjoni tiegħu meta neħħa d-dgħajsa għax ma kienx ikun għalkollox mingħajr bażi l-biża' tiegħu illi, kif ħadet il-liġi b'idejha biex tfittex fid-dgħajsa u tieħu l-katina, il-konvenuta kienet sejra tieħu l-liġi b'idejha u teħodlu d-dgħajsa wkoll.

21. Madankollu, din l-allegazzjoni tal-attur illi l-konvenuta "bagħtet impjegati tagħha fid-dgħajsa tal-attur, għamlu tfittxija u qallbu l-kompartamenti tad-dgħajsa u ttieħdu xi affarijiet" ma tissemiex fl-*affidavit* tiegħu preżentat u maħluf fil-11 ta' April 2018 u lanqas fil-kontro-eżami tal-15 ta' Jannar 2015, għalkemm tissemma fil-protest tat-12 ta' Mejju 2017. Fl-istess protest iżda

l-attur igħid ukoll illi "huwa ssellef katina bl-intenzjoni li jerġa' jirritornaha lura *kif fil-fatt huwa għamel*". Jekk kien hu li radd lura l-katina mela mhux minnu li kienet il-konvenuta li b'*ragion fattasi* ħaditha minn fuq id-dgħajsa.

22. Għandu jingħad ukoll illi l-verżjoni tal-attur illi huwa "ssellef" il-katina xejn ma taqbel mal-verżjoni li ta fil-kontroeżami:

> »… … … id-dgħajsa tiegħi … kont inżommha fuq *floating pontoon* li kellhom hemmhekk u ħdejha kien hemm żewġ *dinghies* oħra. … … . Waħda minnhom deherli jiena żdingata u kienet ilha mitluqa hemmhekk; kienetilha żmien u ġo fiha kien hemm katina qusu pied u nofs. … u għidt "*wow! that looks useful*" … u jien għidt "ħa nara nagħmel biċċa xogħol". Ġbartha minn hemm, għidt "hawn is-*CCTV*", jiġifieri *I am not doing anything and first I put it on the floor on the pontoon; .* għidt "ħa nħalliha hemm ġurnata". U qgħedtha mal-art, jiġifieri, ħallejtha hemmhekk ġurnata, jumejn; baqgħet hemm. Għidt "din vera żdingata; … issa ħa nagħmel biċċa xogħol, mela; ħa nqegħedha fil-qiegħ tad-*dinghi* tiegħi" … u ħallejtha hemmhekk fil-qiegħ tad-*dinghi* tiegħi.«

23. Din ma hijiex imġieba ta' min issellef ħaġa, inqeda biha għal mument – għalkemm dan ukoll, ladarba sar bla ma nkiseb il-kunses tas-sid, kien ikun serq tal-użu – u raddha minnufuh; hija mġieba ta' min ibill it-tarf ta' sebgħu fl-ilma biex jara jaħraqx qabel ma jidħol fil-banju.

24. Dan qiegħed jingħad mhux bħala raġuni biex il-konvenuta setgħet ittemm il-kuntratt – ġà rajna illi l-argument tal-konvenuta hu li l-kuntratt inħall bi ftehim – iżda biex turi illi x-xhieda tal-attur dwar ir-raġuni għala neħħa d-dgħajsa ma hijiex għalkollox ta' min joqgħod fuqha, u jsaħħaħ is-suspett tal-konvenuta illi "l-argomentazzjoni legali sussegwentement mressqa mill-appellat kienet riżultat ta' analizi *ex post facto*" u mhux tassew x'kellu f'moħħu l-attur meta neħħa d-dgħajsa.

25. Il-qorti għalhekk temmen illi l-attur neħħa d-dgħajsa għax – forsi għax beża' minn konsegwenzi legali – qagħad għar-rieda tal-konvenuta li jinħall

il-kuntratt. Il-fatt illi sussegwentement ma nstabx ħati mill-qorti tax-xilja ta' serq ma jibdel xejn minn dan, għax dak li jiswa hu x'għamel l-attur fiż-żmien relevanti – meta neħħa d-dgħajsa għax il-kuntratt inħall – u mhux dak li ried jifhem wara meta l-"perikolu" għadda.

26. Il-fatt ukoll illi l-attur ma raddx iċ-ċavetta tal-kanċell u ma ntraddx lilu l-kera mħallas minn qabel għaż-żmien ta' wara li nħall il-kuntratt ifisser biss illi għad hemm xi pendenzi konsegwenza tal-ħall tal-kuntratt; ma jfissirx illi l-kuntratt ma nħallx.

27. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti taqbel mal-konvenuta illi l-kuntratt bejn il-partijiet inħall bil-kunsens tat-tnejn, meta l-attur aċċetta r-rieda tal-konvenuta li jneħħi d-dgħajsa għar-raġuni li ma kellux aktar jedd iżomma hemm wara li l-kuntratt inħall.

28. Il-qorti għalhekk tilqa' l-appell, tħassar is-sentenza appellata u tiċħad it-talbiet tal-attur.

29. Peress illi l-mod xejn feliċi kif il-konvenuta fasslet l-eċċezzjonijiet seta' kien fattur li wassal biex l-ewwel qorti tilqa' t-talbiet tal-attur, huwa xieraq illi l-konvenuta tħallas sehem mill-ispejjeż, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell, li għalhekk għandhom jinqasmu hekk: tliet ishma minn erbgħa (¾) jħallashom l-attur u sehem minn erbgħa (¼) tħallsu l-konvenuta.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm